SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

17 ta' Novembru 2009 *

Fil-Kawża C-169/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Corte costituzionale (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Frar 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' April 2008, fil-proċedura

Presidente del Consiglio dei Ministri

vs

Regione Sardegna,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, K. Lenaerts, J.-C. Bonichot, P. Lindh u C. Toader (Relatur), Presidenti ta' Awla, C. W. A. Timmermans, A. Rosas, P. Kūris, E. Juhász, G. Arestis, A. Borg Barthet, A. Ó Caoimh u L. Bay Larsen, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

Avukat Ġenerali: J. Kokott,
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedura bil-miktub

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għar-Regione Sardegna, minn A. Fantozzi u G. Campus, avukati,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Wissels u M. Noort, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn W. Mölls u E. Righini, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2009,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 48 KE u 87 KE.

2 Din il-kawża ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn il-Presidente del Consiglio dei Ministri u r-Regione Sardegna dwar l-istabbiliment minn din tal-aħħar ta' taxxa fil-każ ta' waqfiet qosra għal skopijiet turistiċi ta' inġenji tal-ajru użati għat-trasport privat ta' persuni kif ukoll ta' inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni li hija imposta biss fuq l-operaturi li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju reġjonali.

Il-kuntest ġuridiku nazzjonali

Il-Kostituzzjoni Taljana

3 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 117 tal-Kostituzzjoni Taljana jipprovdi li:

"Il-poter leġiżlattiv huwa eżerċitat mill-Istat u mir-Reġjuni b'rispett lejn il-Kostituzzjoni, kif ukoll lejn il-limiti li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni Komunitarja u lejn l-obbligi internazzjonali."

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

4 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 743 tal-Kodiċi tan-Navigazzjoni (Codice della navigazione) ifisser il-kunċett ta' inġenju tal-ajru kif ġej:

"Inġenju tal-ajru jfisser kull vettura intiża għat-trasport bl-ajru ta' persuni jew ta' oġġetti"

5 Fl-Artikolu 1(2) tal-Kodiċi tan-Navigazzjoni għar-Rikreazzjoni (Codice della nautica da diporto), stabbilit bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 171 (Decreto legislativo n. 171), tat-18 ta' Lulju 2005, il-kunċett ta' navigazzjoni għar-rikreazzjoni huwa ddefinit b'dan il-mod:

"Għall-finijiet ta' dan il-Kodiċi, navigazzjoni għar-rikreazzjoni tfisser dik magħmula f'ibħra marittimi u interni għal skopijiet sportivi jew rikreattivi u mingħajr skop ta' lukru."

6 L-Artikolu 2(1) tal-Kodiċi tan-Navigazzjoni għar-Rikreazzjoni jikkonċerna l-użu kummerċjali tal-inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni, u jiddefinih kif ġej:

"1. L-inġenju tal-baħar għar-rikreazzjoni jintuża għal finijiet kummerċjali meta:

a) huwa l-oġġett ta' kuntratti ta' kiri u ta' noleġġ;

b) jintuża għat-tagħlim professjonali tan-navigazzjoni għar-rikreazzjoni;

c) jintuża miċ-ċentri għall-għadis jew għat-taħriġ taħt l-ilma bħala unità ta' appoġġ għal min jipprattika l-għadis għal skop sportiv jew rikreattiv.

[…]"

Il-leġiżlazzjoni reġjonali

7 Il-Liġi Nru 4 tar-Reġjun ta' Sardegna, tal-11 ta' Mejju 2006, tirrigwarda dispożizzjonijiet differenti fil-qasam ta' dħul, ta' riklassifikazzjoni tal-ispejjeż, ta' politika soċjali u żvilupp, fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mill-Artikolu 3(3) tal-Liġi Nru 2 tar-Reġjun ta' Sardegna, tad-29 ta' Mejju 2007, li tirrigwarda dispożizzjonijiet għall-formazzjoni tal-baġit annwali u multiannwali tar-Reġjun — Liġi tal-Finanzi 2007 (iktar 'il quddiem il-"Liġi Reġjonali Nru 4/2006"), li tinkludi l-Artikolu 4, bit-titolu "Taxxa reġjonali fil-każ ta' waqfiet qosra għal skop turistiku ta' inġenji tal-ajru u ta' inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni", li huwa fformulat kif ġej:

"1. Mis-sena 2006 ġiet stabbilita taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra turistiċi tal-inġenji tal-ajru u tal-inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni.

2. Il-kundizzjonijiet tat-taxxa huma:

a) il-waqfiet qosra fl-ajruporti tat-territorju reġjonali tal-inġenji tal-ajru tal-avjazzjoni ġenerali skont l-Artikolu 743 *et seq*. tal-Kodiċi tan-Navigazzjoni maħsuba għat-trasport privat ta' persuni fil-perijodu inkluż mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru;

b) il-waqfiet qosra fil-portijiet, fil-postijiet ta' nżul u fil-punti ta' rmiġġ li jinsabu fit-territorju reġjonali u fiż-żoni ta' rmiġġ attrezzati li jinsabu fl-ibħra territorjali tul il-kosta ta' Sardegna tal-inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni skont id-Digriet Leġiżlattiv Nru 171, tat-18 ta' Lulju 2005 (Kodiċi tan-Navigazzjoni għar-rikreazzjoni) jew tal-inġenji tal-baħar użati għall-iskop ta' rikreazzjoni, ta' tul li jaqbeż l-14-il metru, imkejjel skont ir-regoli armonizzati EN/ISO/DIS 8666, skont l-Artikolu 3(b) tal-imsemmi digriet leġiżlattiv, fil-perijodu inkluż bejn l-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru.

3. Il-persuna taxxabbli hija l-persuna fiżika jew ġuridika li għandha d-domiċilju fiskali tagħha barra mit-territorju reġjonali li tassumi l-eżerċizzju tal-inġenju tal-ajru skont l-Artikoli 874 *et seq*. tal-Kodiċi tan-Navigazzjoni, jew li tassumi l-eżerċizzju tal-inġenju tal-baħar skont l-Artikoli 265 *et seq*. tal-Kodiċi tan-Navigazzjoni.

4. It-taxxa reġjonali stabbilita fl-paragrafu 2(a) hija dovuta għal kull waqfa qasira, dik stabbilita fil-paragrafu 2(b) hija dovuta kull sena.

[…]

6. Huma eżenti mit-taxxa:

a) id-dgħajjes li jagħmlu waqfa qasira biex jipparteċipaw f'regatti ta' natura sportiva, f'ġemgħat ta' dgħajjes antiki, ta' dgħajjes monotip u f'manifestazzjonijiet tal-ibburdjar, anki jekk mhux kompetittivi, liema avveniment ikun diġà ġie nnotifikat minn qabel lill-Awtorità marittima min-naħa tal-organizzaturi; l-ARASE [Agenzia della Regione autonoma della Sardegna per le entrate] għandha tiġi infurmata, qabel l-irmiġġ, li n-notifikazzjoni ngħatat […]

b) l-inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni li jsorġu s-sena kollha fl-istrutturi tal-port reġjonali;

c) waqfiet tekniċi, limitati għaż-żmien meħtieġ biex din issir.

Il-modalitajiet ta' ċertifikazzjoni tal-kawżi ta' eżenzjoni huma stabbiliti permezz ta' miżura speċifika tal-ARASE.

7. It-taxxa għandha titħallas:

a) waqt il-waqfa qasira għall-inġenji tal-ajru msemmija fil-paragrafu 2(a);

b) fi żmien 24 siegħa minn meta jasal l-inġenju tal-baħar, fil-postijiet tal-inżul, fil-punti u fiż-żoni tal-irmiġġ li jinsabu matul il-kosta ta' Sardegna;

skont ta' modalitajiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-ARASE.

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

8 Permezz taż-żewġ rikorsi ppreżentati fl-2006 u fl-2007 quddiem il-corte costituzionale, il-Presidente del Consiglio dei Ministri staqsa domandi ta' legalità kostituzzjonali mhux biss dwar l-Artikolu 4 tal-Liġi Reġjonali Nru 4/2006, iżda wkoll dwar l-Artikoli 2 u 3 tal-istess liġi kif ukoll dwar l-Artikolu 5 tal-Liġi Nru 2, tad-29 ta' Mejju 2007, fil-verżjoni oriġinali tagħhom kif ukoll f'dik emendata. Dawn id-dispożizzjonijiet kollha jistabbilixxu taxxi reġjonali.

9 Fir-rigward tal-Artikolu 4 tal-Liġi Reġjonali Nru 4/2006, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali sostna b'mod partikolari li din id-dispożizzjoni ma tosservax ir-rekwiżiti tad-dritt Komunitarju li għalihom hija suġġetta s-setgħa leġiżlattiva fl-Italja, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 117 tal-Kostituzzjoni Taljana. Insostenn tal-imsemmija rikorsi, kien invokat il-ksur, minn naħa, tal-Artikoli 49 KE u 81 KE, moqrija flimkien mal-Artikolu 3(1)(g) KE kif ukoll mal-Artikolu 10 KE, u min-naħa l-oħra, tal-Artikolu 87 KE.

10 Fis-sentenza Nru 102 tagħha, tal-15 ta' April 2008, il-Corte costituzionale, wara li għaqdet iż-żewġ rikorsi msemmija iktar 'il fuq, iddeċidiet fuq id-domandi ta' legalità mqajma fil-kuntest tar-rikors tal-2006 u fuq parti minn dawk imqajma permezz tar-rikors tal-2007. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-Artikolu 4 tal-Liġi Reġjonali Nru 4/2006, li huwa s-suġġett ta' dan l-aħħar rikors, il-Corte costituzionale ddikjarat inammissibbli jew infondati d-domandi ta' kostituzzjonalità mqajma b'referenza għal dispożizzjonijiet kostituzzjonali differenti mill-imsemmi l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 117. B'hekk hija ddeċidiet li tissepara l-proċedura li tirrigwarda dan l-aħħar

artikolu u li tissospendi l-proċedura sad-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq id-domanda preliminari mressqa b'deċiżjoni ta' rinviju. Barra minn hekk, għal dak li jikkonċerna l-ksur tal-Artikoli 3(1)(g) KE, 10 KE u 81 KE, il-qorti tar-rinviju qieset li kien xieraq li tirriżerva d-dritt tagħha li tiddeċiedi fuq il-kwisjtoni sussegwentement.

11 Fid-deċiżjoni ta' rinviju, il-Corte costituzionale għamlet diversi osservazzjonijiet dwar l-ammissibbiltà tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari tagħha għal dak li jikkonċerna, minn naħa, il-kwalità tagħha ta' qorti fis-sens tal-Artikolu 234 KE u, min-naħa l-oħra, ir-rilevanza tad-domandi magħmula fir-rigward tal-eżitu tal-kawża li ġiet adita biha.

12 L-ewwel nett, il-Corte costituzionale ssostni li l-kunċett ta' qorti, fis-sens tal-Artikolu 234 KE, għandu jiġi dedott mid-dritt Komunitarju u mhux mill-klassifikazzjoni taħt id-dritt nazzjonali tal-korp li qed jagħmel ir-rinviju u li hija tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha sabiex tkun tista' tressaq talba għal deċiżjoni preliminari.

13 Għal dak li jikkonċerna r-rilevanza tad-domandi preliminari, il-Corte costituzionale tirrileva li, fir-rikorsi kostituzzjonali diretti, id-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju "iservu bħala dispożizzjonijiet intermedjarji adattati sabiex jikkostitwixxu l-parametru sabiex tiġi stabbilita l-konformità tal-leġiżlazzjoni reġjonali mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 117 tal-Kostituzzjoni […] jew, iktar speċifikament, jirrendu konkretament operattiv il-parametru stabbilit fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 117 tal-Kostituzzjoni […], bil-konsegwenza ta' konstazzjoni ta' illegalità kostituzzjonali tad-dispożizzjoni reġjonali ddikjarata inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet Komunitarji".

14 Fir-rigward tal-mertu tad-domandi magħmula, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-Artikolu 4 tal-Liġi Reġjonali Nru 4/2006 jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet Komunitarji msemmija fil-punt 9 ta' din is-sentenza. Billi japplika għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi, huwa jikkonċerna l-impriżi li joperaw inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni kif ukoll inġenji tal-ajru tal-avjazzjoni ġenerali għat-trasport privat ta' persuni.

15 L-istess qorti tenfasizza barra minn hekk li billi l-imsemmija liġi reġjonali timponi taxxa fuq l-impriżi li ma għandhomx domiċilju fiskali f'Sardegna, hija tidher li toħloq diskriminazzjoni fir-rigward tal-impriżi li, minkejja li jeżerċitaw l-istess attività, ma humiex obbligati jħallsu din it-taxxa sempliċiment minħabba l-fatt li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom f'Sardegna u li, konsegwentement, hija tidher li żżid l-ispejjeż tas-servizzi pprovduti b'detriment għall-impriżi mhux residenti.

16 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju għandha dubji fir-rigward tal-allegati ġustifikazzjonijiet magħmula mir-Regione Sardegna bbażati, minn naħa, fuq il-fatt li dawn l-impriżi mhux residenti jibbenefikaw, bl-istess mod bħall-impriżi li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom f'dan ir-reġjun, minn servizzi pubbliċi reġjonali u lokali, iżda mingħajr ma jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-imsemmija servizzi, u, minnaħa l-oħra, fuq il-bżonn li jiġu paċuti l-ispejjeż addizjonali sostnuti, minħabba karatteristiċi ġeografiċi u ekonomiċi marbutin man-natura insulari tar-Regione Sardegna, mill-impriżi ddomiċiljati fiha.

17 B'mod partikolari, għal dak li jikkonċerna l-allegat ksur tal-Artikolu 87 KE, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-problema tqum jekk il-vantaġġ ekonomiku kompetittiv li jirriżulta, għall-impriżi li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom f'Sardegna, mill-fatt li ma humiex suġġetti għat-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra jaqax taħt il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat, peress li dan il-vantaġġ jirriżulta mhux mill-għoti ta' vantaġġ fiskali, iżda indirettament mill-ispiża iktar baxxa li dawn l-impriżi jsostnu meta mqabbla ma' dawk stabbiliti barra mit-territorju reġjonali.

18 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Corte costituzionale ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja s-segwenti domandi preliminari:

"1) L-Artikolu 49 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' regola, bħal dik stabbilita fl-Artikolu 4 tal-[Liġi Reġjonali Nru 4/2006], li tipprovdi li t-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra ta' inġenji tal-ajru għal skopijiet turistiċi hija imposta biss fuq l-impriżi li għandhom domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju tar-Reġjun ta' Sardegna u li joperaw inġenji tal-ajru li jużaw huma stess għat-trasport ta' persuni fl-eżerċizzju ta' attivitajiet tal-avjazzjoni ġenerali għal skopijiet ta' kummerċ?

2) L-Artikolu 4 tal-[Liġi Reġjonali Nru 4/2006], meta jipprovdi li t-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra ta' inġenji tal-ajru għal skopijiet turistiċi għandha tkun imposta biss fuq l-impriżi li għandhom domiċilju fiskali barra mir-Reġjun ta' Sardegna u li joperaw inġenji tal-ajru huma stess għat-trasport ta' persuni fl-eżerċizzju ta' attivitajiet tal-avjazzjoni ġenerali għal skopijiet ta' kummerċ, jikkostitwixxi — fis-sens tal-Artikolu 87 KE — għajnuna mill-Istat għall-impriżi li jeżerċitaw l-istess attività bid-domiċilju fiskali tagħhom fit-territorju tar-Reġjun ta' Sardegna?

3) L-Artikolu 49 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' regola, bħal dik stabbilita fl-istess Artikolu 4 tal-[Liġi Reġjonali Nru 4/2006], li tipprovdi li t-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra ta' inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni għal skopijiet turistiċi għandha tkun imposta biss fuq l-impriżi li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju tar-Reġjun ta' Sardegna li joperaw inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni u li l-attività kummerċjali tagħhom tikkonsisti fil-provvista ta' tali inġenji lil terzi?

4) L-istess Artikolu 4 tal-[Liġi Reġjonali Nru 4/2006], meta jipprovdi li t-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra ta' inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni għal skopijiet turistiċi għandha tkun imposta biss fuq l-impriżi li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju tar-Reġjun ta' Sardegna, li joperaw inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni u li l-attività kummerċjali tagħhom tikkonsisti fil-provvista ta' tali inġenji għad-dispożizzzjoni lil terzi, jikkostitwixxi — fis-sens tal-Artikolu 87 KE — għajnuna mill-Istat għall-impriżi li jeżerċitaw l-istess attività b'domiċilju fiskali fit-territorju tar-Reġjun ta' Sardegna?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel u t-tielet domandi dwar l-Artikolu 49 KE

19 Permezz tal-ewwel u t-tieni domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 49 KE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni fiskali ta' awtorità reġjonali, bħall-Artikolu 4 tal-Liġi

Reġjonali Nru 4/2006, li jistabbilixxi taxxa reġjonali fil-każ ta' waqfiet qosra għal skop turistiku ta' inġenji tal-ajru għat-trasport privat ta' persuni kif ukoll ta' inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni peress li din it-taxxa hija imposta biss fuq l-impriżi li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju reġjonali.

Fuq il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49 KE

20 Sabiex tingħata risposta għal tali domanda, għandu jiġi stabbilit, preliminarjament, jekk il-Liġi Reġjonali Nru 4/2006 taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-sens tal-Artikolu 50 KE.

21 Kif jirriżulta mill-kliem tal-Artikolu 4 tal-Liġi Reġjonali Nru 4/2006, it-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali għal waqfiet qosra għal skopijiet turistiċi, minn naħa, ta' inġenji tal-ajru tal-avjazzjoni ġenerali għat-trasport privat ta' persuni [Artikolu 4(2)(a) tal-imsemmija liġi] u, min-naħa l-oħra, ta' inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni u ta' inġenji użati għall-finijiet ta' rikreazzjoni, sa fejn it-tul ta' dawn l-inġenji jaqbeż l-14-il metru [Artikolu 4(2)(b) tal-istess liġi].

22 Għaldaqstant, it-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra ma tirrigwardax l-impriżi ta' trasport ċivili ta' persuni u ta' merkanzija. Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li din it-taxxa tapplika b'mod partikolari għall-impriżi li joperaw inġenji tal-ajru biex iwettqu operazzjonijiet ta' trasport bl-ajru mingħajr ħlas għal raġunijiet relatati mal-attività tal-impriża tagħhom. Għal dak li jikkonċerna l-inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni, il-qorti tar-rinviju tosserva barra minn hekk li l-imsemmija taxxa tapplika b'mod partikolari għall-impriżi li l-attività tagħhom tikkonsisti fit-tqegħid tal-imsemmija inġenji għad-dispożizzjoni ta' terzi bi ħlas.

23 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "servizzi" fis-sens tal-Artikolu 50 KE jimplika li jirrigwarda servizzi

normalment ipprovduti bi ħlas u li dan tal-aħħar jikkostitwixxi korrispettiv ekonomiku tas-servizz u huwa miftiehem bejn il-fornitur u l-benefiċjarju tas-servizz (ara s-sentenzi tas-27 ta' Settembru 1988, Humbel u Edel, 263/86, Ġabra p. 5365, punt 17; tas-7 ta' Diċembru 1993, Wirth, C-109/92, Ġabra p. I-6447, punt 15, kif ukoll tat-22 ta' Mejju 2003, Freskot, C-355/00, Ġabra p. I-5263, punti 54 u 55).

24 F'din il-kawża, it-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra, kif jirriżulta mill-osservazzjonijiet tar-Regione Sardegna, tirrigwarda operaturi ta' mezzi ta' trasport li jivvjaġġaw fit-territorju tagħha u mhux l-impriżi ta' trasport li jeżerċitaw l-attività tagħhom f'dan ir-reġjun. Madankollu, kif tirrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 34 tal-konklużjonijiet tagħha, ma jistax jiġi dedott mill-fatt biss li din it-taxxa ma tirrigwardax servizzi ta' trasport li l-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma għandha l-ebda konnessjoni mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

25 Fil-fatt, għalkemm it-tielet paragrafu tal-Artikolu 50 KE jsemmi biss il-libertà attiva li jiġu pprovduti servizzi, fejn il-fornitur tas-servizz jiċċaqlaq lejn id-destinatarju tas-servizz, minn ġurisprudenza stabbilita sew jirriżulta li l-libertà li jiġu pprovduti servizzi tinkludi wkoll il-libertà tad-destinatarji ta' servizzi, u b'mod partikolari tat-turisti, li jivvjaġġaw fi Stat Membru ieħor fejn jinsab il-fornitur sabiex jibbenefikaw minn dawn is-servizzi f'dak l-Istat Membru (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-31 ta' Jannar 1984, Luisi u Carbone, 286/82 u 26/83, Ġabra p. 377, punti 10 u 16; tal-11 ta' Settembru 2007, Schwarz u Gootjes-Schwarz, C-76/05, Ġabra p. I-6849, punt 36, kif ukoll Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-318/05, Ġabra p. I-6957, punt 65).

26 Fil-kawża prinċipali, kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 37 tal-konklużjonijiet tagħha, il-persuni li joperaw mezz ta' trasport kif ukoll dawk li jużaw tali mezz jibbenefikaw minn numru ta' servizzi fit-territorju tar-Regione Sardegna, bħas-servizzi pprovduti fl-ajruporti u fil-portijiet. Konsegwentement, il-waqfa qasira tikkostitwixxi kundizzjoni neċessarja sabiex jiġu riċevuti l-imsemmija servizzi u t-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra għandha ċerta konnessjoni ma' dan is-servizz.

27 Fir-rigward tat-taxxa reġjonali imposta fuq waqfiet qosra ta' inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni, għandu jiġi mfakkar barra minn hekk li din tapplika wkoll għall-impriżi li joperaw tali inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni u, b'mod partikolari, għal dawk li l-attività imprenditorjali tagħhom tikkonsisti fit-tqegħid tal-imsemmija inġenji għad-dispożizzjoni ta' terzi bi ħlas. Għaldaqstant, permezz tal-Liġi Reġjonali Nru 4/2006, il-leġiżlatur ta' Sardegna stabbilixxa taxxa imposta direttament fuq il-provvista ta' servizzi fis-sens tal-Artikolu 50 KE.

28 Fl-aħħar nett, kif enfasizzat il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, is-serivzzi li fuqhom it-taxxa reġjonali għandha rilevanza jistgħu jkollhom natura transkonfinali peress li din it-taxxa, minn naħa, tista' taffettwa l-possibbiltà tal-impriżi stabbiliti f'Sardegna li joffru servizzi ta' waqfiet qosra fl-ajruporti u fil-portijiet liċ-ċittadini u lill-impriżi stabbiliti fi Stat Membru ieħor u, min-naħa l-oħra, għandha rilevanza fuq l-attività tal-impriżi li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru ieħor barra r-Repubblika Taljana u li joperaw inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni f'Sardegna.

Fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi

29 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxix restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, għandu jiġi mfakkar preliminarjament li, fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, miżura fiskali nazzjonali li tostakola l-eżerċizzju ta' din il-libertà tista' tikkostitwixxi miżura pprojbita, kemm jekk toħroġ mill-Istat stess kif ukoll jekk toħroġ minn kolletività lokali (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2005, Mobistar u Belgacom Mobile, C-544/03 u C-545/03, Ġabra p. I-7723, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 F'din il-kawża, huwa paċifiku li t-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra hija imposta fuq operaturi ta' inġenji tal-ajru u ta' inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju reġjonali u li l-fatt li jagħti lok għat-taxxa huwa l-waqfa qasira tal-inġenju tal-ajru jew tal-inġenju tal-baħar għar-rikreazzjoni f'dan it-territorju. Anki jekk, fil-fatt, din it-taxxa tapplika biss f'parti ċirkoskritta ta' Stat Membru, hija tikkonċerna l-waqfiet qosra tal-inġenji tal-ajru u tal-inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoi inkwistjoni mingħajr ma tagħmel distinzjoni skont jekk huma jiġux minn reġjun ieħor tal-Italja jew ta' Stat Membru ieħor. F'dawn iċ-

ċirkustanzi, in-natura reġjonali tat-taxxa ma teskludix għaldaqstant il-fatt li tista' tostakola l-moviment liberu ta' servizzi (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2004, Carbonati Apuani, C-72/03, Ġabra p. I-8027, punt 26).

31 L-applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni fiskali tirrendi s-servizzi kkonċernati iktar onerużi għall-persuni kollha taxxabbli li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju reġjonali u li huma stabbiliti fi Stati Membri oħra meta mqabbla ma' dawk ipprovduti lill-operaturi stabbiliti f'dan it-territorju.

32 Fil-fatt, tali leġiżlazzjoni tintroduċi spiża addizjonali għall-operazzjonijiet ta' waqfiet qosra tal-inġenji tal-ajru u tad-dgħajjes operati minn operaturi li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju reġjonali u stabbiliti fi Stati Membri oħrajn u b'dan il-mod toħloq vantaġġ għal ċerti kategoriji ta' impriżi stabbiliti fih (ara s-sentenzi tal-25 ta' Lulju 1991, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-353/89, Ġabra p. I-4069, punt 25; tat-13 ta' Diċembru 2007, United Pan-Europe Communications Belgium *et*, C-250/06, Ġabra p. I-11135, punt 37, kif ukoll tal-1 ta' April 2008, Gouvernement de la Communauté française u Gouvernement wallon, C-212/06, Ġabra p. I-1683, punt 50).

33 Ir-Regione Sardegna tiddikjara madankollu li, fid-dawl tan-natura u l-għan tat-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra sabiex tiżgura l-protezzjoni tal-ambjent, ir-residenti u dawk li ma humiex residenti ma humiex f'sitwazzjoni oġġettivament paragunabbli u, għaldaqstant, it-trattament differenzjat tagħhom ma jikkostitwixxix restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' Frar 1994, Schumacker (C-279/93, Ġabra p. I-225). Fil-fatt, filwaqt li r-residenti jikkontribwixxu għall-kostituzzjoni ta' riżorsi użati għall-attivitajiet ta' konservazzjoni, ta' restawr u ta' protezzjoni ta' beni ambjentali, billi jiffinanzjaw l-azzjoni tar-Regione Sardegna permezz tal-kontribuzzjoni ġenerali u, b'mod partikolari, tat-taxxi fuq id-dħul li parti minnhom taqa' taħt il-baġit reġjonali, l-impriżi mhux residenti jaġixxu min-naħa l-oħra bħala "free riders" ambjentali, billi jużaw ir-riżorsi mingħajr ma jipparteċipaw għall-ispejjeż ta' tali attivitajiet.

34 F'dan ir-rigward, fil-fatt, billi tat deċiżjonijiet dwar it-tassazzjoni diretta, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li s-sitwazzjoni tar-residenti u dik ta' dawk li ma humiex residenti fi Stat Membru partikolari ma humiex, bħala regola ġenerali, paragunabbli, minħabba li fihom differenzi oġġettivi kemm mill-perspettiva tas-sors tad-dħul kif ukoll minn dik tal-kapaċità kontributtiva personali tal-persuna taxxabbli jew tat-teħid inkunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni personali u familjari tagħha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Schumacker, iċċitata iktar 'il fuq, punti 31 sa 33, u tas-16 ta' Ottubru 2008, Renneberg, C-527/06, Ġabra p. I-7735, punt 59).

35 Madankollu, għall-finijiet tal-paragun tas-sitwazzjoni tal-kontribwenti, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi tat-taxxa inkwistjoni. Għaldaqstant, differenza ta' trattament bejn ir-residenti u dawk li ma humiex residenti tikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi pprojbita mill-Artikolu 49 KE meta ma jkunx hemm differenza oġġettiva fis-sentenza, meta mqabbla mat-taxxa inkwistjoni, ta' natura tali li tiġġustifika differenza fit-trattament bejn id-diversi kategoriji ta' kontribwenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Renneberg, iċċitata iktar 'il fuq, punt 60).

36 Dan huwa b'mod partikolari l-każ tat-taxxa inkwistjoni. Fil-fatt, kif kien enfasizzat mill-Kummissjonii, din it-taxxa hija dovuta minħabba l-waqfa qasira tal-inġenji tal-ajru għat-trasport ta' persuni u ta' dgħajjes għar-rikreazzjoni u mhux minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kontribwenti kkonċernati.

37 Għaldaqstant, irrispettivament mill-post fejn huma residenti jew stabbiliti, il-persuni kollha fiżiċi u ġuridiċi li jgawdu mis-servizzi inkwistjoni huma, kuntrarjament għal dak li ssostni r-Regione Sardegna, f'sitwazzjoni oġġettivament paragunabbli fir-rigward tal-imsemmija taxxa b'konnessjoni mal-konsegwenzi ambjentali.

38 Il-fatt li l-persuni taxxabbli f'Sardegna jikkontribwixxu, permezz tal-ħlas tal-kontribuzzjoni ġenerali u, b'mod partikolari, tat-taxxi fuq id-dħul, għall-azzjoni tar-Regione Sardegna għall-protezzjoni tal-ambjent huwa irrilevanti għall-finijiet tal-paragun tas-sitwazzjoni tar-residenti u ta' dawk li ma humiex residenti fir-rigward tat-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra. Fil-fatt, kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 87 tal-konklużjonijiet tagħha, l-imsemmija taxxa ma hijiex tal-istess natura u ma ssegwix l-istess għanijiet bħat-taxxi l-oħra mħallsa mill-kontribwenti Sardi, li għandhom l-għan

b'mod partikolari li jiffinanzjaw b'mod ġenerali l-baġit pubbliku u, għaldaqstant sabiex jiffinanzjaw l-azzjonijiet reġjonali kollha.

39 Minn dak li ntqal preċedentement jirriżulta li ebda element tal-proċess mibgħut lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jippermetti li jiġi kkonstatat li r-residenti u dawk li ma humiex residenti ma jinsabux f'sitwazzjoni oġġettivament paragunabbli fir-rigward tat-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra. Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi peress li hija imposta biss fuq l-operaturi li joperaw inġenji tal-ajru għat-trasport privat ta' persuni u dgħajjes għar-rikreazzjoni li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju reġjonali, mingħajr ma timponi l-istess taxxa fuq l-operaturi stabbiliti f'dan it-territorju.

Fuq il-ġustifikazzjoni eventwali tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali

— Fuq il-ġustifikazzjoni bbażata fuq rekwiżiti ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa pubblika

40 Ir-Regione Sardegna ssostni li, anki jekk taċċetta li t-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra tikkostitwixxi miżura restrittiva tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, tali taxxa hija ġġustifikata minn raġunijiet ta' interess ġenerali u, b'mod partikolari, minn rekwiżiti ta' protezzjoni tal-ambjent li jistgħu jitqiesu bħala raġunijiet ta' "saħħa pubblika", li huma espressament imsemmija fl-Artikolu 46(1) KE.

41 B'mod partikolari, l-imsemmija taxxa tista' tiġi ġġustifikata minn politika reġjonali ġdida ta' protezzjoni ambjentali u ta' pajsaġġ tat-territorju tar-Regione Sardegna. Din il-politika tipprovdi, skont din tal-aħħar, għall-istabbiliment ta' serje ta' kontribuzzjonijiet sabiex, minn naħa, jiġi skoraġġut il-konsum eċċessiv tal-patrimonju ambjentali u tal-pajsaġġ tal-kosta u, min-naħa l-oħra, sabiex jiffinanzjaw l-interventi onerużi ta' restawr ta' żoni tal-kosta. Tali taxxa tista' tiġi barra minn hekk iġġustifikata mill-

prinċipju ta' min iniġġes iħallas, peress li, b'mod indirett, hija imposta fuq l-operaturi ta' mezzi ta' trasport li jikkostitwixxu sors ta' tniġġis.

42 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, irrispettivament mill-eżistenza ta' għan leġittimu, li jikkorrispondi għal raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, il-ġustifikazzjoni ta' restrizzjoni fuq il-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat KE tista' tiġi ġġustifikata biss jekk il-miżura inkwistjoni tkun adatta sabiex tiggarantixxi li l-għan inkwistjoni jintlaħaq u li din ma teċċedix dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan il-għan (ara s-sentenzi tat-30 ta' Jannar 2007, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka C-150/04, Ġabra p. I-1163, punt 46; Gouvernement de la Communauté française u Gouvernement wallon, iċċitata iktar 'il fuq, punt 55, kif ukoll tal-5 ta' Marzu 2009, UTECA, C-222/07, Ġabra p. I-1407, punt 25). Barra minn hekk, leġiżlazzjoni nazzjonali hija adatta sabiex tiżgura t-twettiq tal-għan invokat biss jekk hija verament tipprovdi sabiex dan l-għan jintlaħaq b'mod koerenti u sistematiku (sentenza tal-10 ta' Marzu 2009, Hartlauer, C-169/07, Ġabra p. I-1721, punt 55).

43 F'din il-kawża, għandu jiġi rrilevat li, anki jekk ir-raġunijiet invokati mir-Regione Sardegna jistgħu jikkostitwixxu l-bażi tal-istabbiliment tat-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra, dawn ma jistgħux jiġġustifikaw il-modalitajiet ta' applikazzjoni tagħhom u, b'mod partikolari, it-trattament differenzjat tal-operaturi li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju reġjonali li huma l-uniċi persuni responsabbli li jħallsu din it-taxxa.

44 Fil-fatt, huwa ċar li l-imsemmija modalitajiet, li jwasslu għal restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-sens tal-Artikolu 49 KE, ma jidhrux li huma adattati jew neċessarji sabiex jiggarantixxu li l-imsemmija għanijiet ġenerali jintlaħqu. Kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punti 73 u 74 tal-konklużjonijiet tagħha, meta aċċettat il-fatt li l-inġenji tal-ajru privati u l-inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni li jagħmlu waqfa qasira f'Sardegna jikkostitwixxu sors ta' tniġġis, dan il-fatt jirriżulta irrispettivament minn fejn ikunu ġew dawn l-ajruplani u d-dgħajjes u, b'mod partikolari, ma għandhom l-ebda rabta mad-domiċilju fiskali tal-imsemmija operaturi. L-inġenji tal-ajru u d-dgħajjes tar-residenti jikkontribwixxu wkoll għad-dannu tal-ambjent.

45 Għaldaqstant, ir-restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, bħal dik li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni fiskali inkwisjtoni fil-kawża prinċipali, ma tistax tiġi ġġustifikata minn raġunijiet ibbażati fuq il-protezzjoni tal-ambjent peress li l-applikazzjoni tat-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra li hija tistabbilixxi hija bbażata fuq differenzazzjoni bejn il-persuna mingħajr konnessjoni ma' dan l-għan ambjentali. Tali restrizzjoni lanqas tista' tiġi ġġustifikata b'raġunijiet ta' saħħa pubblika, peress li r-Regione Sardegna ma pprovdiet l-ebda prova li tikkonstata li din il-leġiżlazzjoni hija intiża sabiex tipproteġi s-saħħa pubblika.

— Fuq il-ġustifikazzjoni bbażata fuq il-koerenza tas-sistema fiskali

46 Fl-osservazzjonijiet tagħha, ir-Regione Sardegna, sabiex tiġġustifika l-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tinvoka l-ħtieġa li tiġi protetta l-koerenza tas-sistema fiskali tagħha. It-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra imposta biss fuq persuni li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom fit-territorju reġjonali tkun iġġustifikata bil-fatt li r-residenti jħallsu taxxi oħra li jikkontribwixxu għall-azzjoni sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ambjent f'Sardegna.

47 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li l-ħtieġa li tiġi protetta l-koerenza tas-sistema fiskali tista' tiġġustifika restrizzjoni fuq l-eżerċizzjoni tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat, iżda tispeċifika li tali ġustifikazzjoni teżiġi konnessjoni diretta bejn il-vantaġġ fiskali inkwistjoni u l-kumpens ta' dan il-vantaġġ permezz ta' impożizzjoni fiskali partikolari, fejn in-natura diretta ta' din ir-rabta għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-għan tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2009, Aberdeen Property Fininvest Alpha, C-303/07, Ġabra p. I-5145, punti 71 u 72).

48 Kif ġie enfasizzat fil-punt 38 ta' din is-sentenza, it-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra ma għandhiex l-istess għanijiet bħat-taxxi mħallsa mill-persuni taxxabbli residenti f'Sardegna, li huma intiżi sabiex jiffinanzjaw b'mod ġenerali l-baġit pubbliku u għaldaqstant sabiex jiffinanzjaw l-azzjonijiet kollha tar-Regione Sardegna. Il-fatt li din it-taxxa ma hijiex imposta fuq l-imsemmija residenti ma jistax għaldaqstant jitqies bħala tpaċija ta' taxxi oħra li huma imposti fuqhom.

49 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li r-restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, bħal dik li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma tistax tiġi ġġustifikata b'raġunijiet ibbażati fuq il-koerenza tas-sistema fiskali tar-Regione Sardegna.

50 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għal-ewwel u għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 49 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni fiskali ta' awtorità reġjonali, bħal dik ipprovduta fl-Artikolu 4 tal-Liġi Reġjonali Nru 4/2006, li jistabbilixxi taxxa reġjonali fil-każ ta' waqfa qasira għal skop turistiku tal-inġenji tal-ajru għat-trasport privat ta' persuni kif ukoll tal-inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni li hija imposta biss fuq l-impriżi li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju reġjonali.

Fuq it-tieni u r-raba domandi dwar l-Artikolu 87 KE

51 Permezz tat-tieni u tar-raba domandi, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 87 KE għandux jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni fiskali ta' awtorità reġjonali li tistabbilixxi taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra, bħala dik stabbilita fl-Artikolu 4 tal-Liġi Reġjonali Nru 4/2006, imposta biss fuq l-operaturi li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju reġjonali, tikkostitwixxi miżura ta' għajnuna mill-Istat favur impriżi stabbiliti fl-istess territorju.

52 Qabel kollox għandu jiġi mfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-klassifikazzjoni ta' miżura bħala għajnuna fis-sens tat-Trattat tippresupponi li kull wieħed mill-erba' kriterji kumulattivi stabbiliti fl-Artikolu 87(1) KE jkunu sodisfatti. L-ewwel nett, għandu jkun involut intervent tal-Istat jew intervent permezz ta' riżorsi tal-Istat, it-tieni nett, dan l-intervent għandu jkun ta' natura tali li jista' jolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, it-tielet nett, l-intervent għandu jagħti vantaġġ lill-benefiċjarju tiegħu u, ir-raba' nett, dan għandu jwassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-23 ta' Marzu 2006, Enirisorse, C-237/04, Ġabra p. I-2843, punti 38 u 39 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

53 F'dan il-każ, huwa paċifiku li t-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkorrispondi għat-tieni u r-raba kriterji peress li tapplika għal servizzi pprovduti b'konnessjoni mal-waqfa qasira ta' inġenji tal-ajru u ta' inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni, li jirrigwardaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u li tali taxxa, billi tagħti vantaġġ ekonomiku lill-operaturi stabbiliti f'Sardegna, hekk kif diġà ntqal fil-punt 32 ta' din is-sentenza, tista' toħloq distorsjoni għall-kompetizzjoni.

54 Id-domandi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 87 KE jirrigwardaw b'hekk l-applikazzjoni taż-żewġ kriterji l-oħra għal klassifikazzjoni tat-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra bħala għajnuna mill-Istat. Ir-Regione Sardegna tikkunsidra li din it-taxxa ma tistax titqies bħala għajnuna mill-Istat minħabba n-nuqqas kemm tal-użu ta' riżorsi tal-Istat kif ukoll tan-natura selettiva tal-miżura. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-imsemmija taxxa tissodisfa l-kriterji kollha stabbilit mill-Artikolu 87 KE.

Fuq l-użu ta' riżorsi pubbliċi

55 Skont ir-Regione Sardegna, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tinvolvi l-ebda intervent permezz ta' riżorsi reġjonali. Ma hemmx rinunzja ta' dħul reġjonali peress li l-impriżi residenti jikkontribwixxu diġà għall-ispiża ambjentali permezz ta' parti mid-dħul li jirriżulta mit-taxxi mħallsa minnhom. It-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra żżid dan id-dħul billi testendi l-obbligu ta' kontribuzzjoni ambjentali wkoll għal dawk li, bħala persuni li ma humiex residenti, ma jikkontribwixxux għall-imsemmija spiża permezz tal-impożizzjoni fiskali ordinarja.

56 F'dan ir-rigward, għandu jiġu mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' għajnuna jista' jkopri mhux biss provvisti pożittivi bħal sussidji, self jew xiri ta' ishma fil-kapital ta' impriżi, iżda wkoll interventi li, taħt forom differenti, inaqqsu l-ispejjeż li normalment jolqtu l-finanzi ta' impriża u li, bl-istess mod, mingħajr ma jkunu sussidji fis-sens strett tal-kelma, huma tal-istess natura u għandhom effetti identiċi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-156/98, Ġabra p. I-6857, punt 25, kif ukoll tal-1 ta' Lulju 2008, Chronopost u La Poste vs UFEX *et*, C-341/06 P u C-342/06 P, Ġabra p. I-4777, punt 123 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Kif ġie mfakkar mill-Kummissjoni, leġiżlazzjoni fiskali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li teskludi lil ċerti impriżi mill-impożizzjoni tat-taxxa inkwistjoni, tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, anki jekk ma tinvolvix trasferiment ta' riżorsi pubbliċi, peress li tikkonsisti fir-rinunzja mill-awtoritajiet ikkonċernati għad-dħul fiskali li huma normalment setgħu jiġbru (sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar'il fuq, punt 26 sa 28).

58 Għaldaqstant, il-fatt li l-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċpali ma tipprovdix għall-għoti ta' sussidju, iżda l-esklużjoni mill-impożizzjoni tat-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra lill-operaturi ta' inġenji tal-ajru għat-trasport privat ta' persuni kif ukoll ta' inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom fit-territorju reġjonali jippermetti li jitqies li din l-eżenzjoni mill-impożizzjoni tat-taxxa tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

Fuq in-natura selettiva tal-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali

59 Skont ir-Regione Sardegna, id-differenza ta' trattament bejn l-impriżi residenti u dawk mhux residenti ma tikkostitwixxix vantaġġ selettiv. Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex selettiva mill-perspettiva ġeografika, għaliex, skont l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Settembru 2006, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (C-88/03, Ġabra p. I–7115), il-kuntest ta' referenza li fih il-"ġeneralità" tal-miżura għandu jiġi evalwat huwa dak tal-entità infrastatali, jekk din tgawdi minn awtonomija suffiċjenti. Dan huwa l-każ fil-kawża prinċipali, għaliex ir-Regione Sardegna għandha poteri awtonomi mogħtija lilha minn statut li għandu s-saħħa ta' liġi kostituzzjonali li jawtorizzaha tistabbilixxi taxxi proprji. Barra minn hekk, skont il-prinċipju iktar ġenerali tal-ugwaljanza fl-ambitu fiskali, l-imsemmija leġiżlazzjoni tintaxxa b'mod differenti sitwazzjonijiet differenti *de jure* u *de facto*.

60 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li fil-fatt jirriżulta mill-ġurisprudenza msemmija mill-konvenuta fil-kawża prinċipali li, fir-rigward ta' miżura adottata mhux mil-leġiżlatur nazzjonali, iżda minn awtorità infrastatali, tali miżura ma hijiex selettiva fis-sens tal-Artikolu 87 KE minħabba s-sempliċi fatt li tagħti vantaġġi biss f'parti mit-territorju nazzjonali li fiha l-miżura tapplika (ara s-sentenzi Il-Portugall vs

Il-Kummissjoni, iċċitata iktar'il fuq, punti 53 u 57, kif ukoll tal-11 ta' Settembru 2008, UGT-Rioja *et*, C-428/06 sa C-434/06, Ġabra p. I-6747, punti 47 u 48).

61 Madankollu, minn din il-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li, sabiex tiġi evalwata s-selettività ta' miżura adottata minn entità infrastatali li tgawdi minn awtonomija mill-gvern ċentrali, bħar-Regione Sardegna, għandu jiġi eżaminat jekk, fir-rigward tal-għan segwit mill-imsemmija miżura, din tikkostitwixxix vantaġġ għal ċerti impriżi meta mqabbla ma' oħrajn li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika paragunabbli (ara s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2001, Adria-Wien Pipeline u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke, C-143/99, Ġabra p. I-8365, punt 41, kif ukoll Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar'il fuq, punti 56 u 58).

62 B'hekk jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk, fid-dawl tal-karatteristiċi tat-taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra, l-impriżi li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju reġjonali humiex, fir-rigward tal-kuntest ġuridiku ta' referenza, f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika paragunabbli ma' dawk stabbiliti f'dan l-istess territorju.

63 Kif jirriżulta mill-punti 36 u 37 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkonstatat li, fid-dawl tan-natura u tal-għan tal-imsemmija taxxa, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha li jgawdu minn servizzi ta' waqfa qasira f'Sardegna huma, kuntrarjament għal dak li ssostni l-konvenuta fil-kawża prinċipali, f'sitwazzjoni oġġettivament paragunabbli irrispettivament mill-post fejn huma residenti jew stabbiliti. Minn dan isegwi li l-miżura ma tistax titqies bħala ġenerali, peress li ma tapplikax għall-operaturi kollha ta' inġenji tal-ajru u ta' dgħajjes għar-rikreazzjoni li jagħmlu waqfa qasira f'Sardegna.

64 Għaldaqstant, leġiżlazzjoni fiskali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi miżura ta' għajnuna mill-Istat favur impriżi stabbiliti f'Sardegna.

65 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tislet il-konklużjonijiet xierqa minn din il-konstatazzjoni.

66 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għat-tieni u għar-raba' domanda għandha tkun li l-Artikolu 87(1) KE għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni fiskali ta' awtorità reġjonali li tistabbilixxi taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra, bħala dik fil-kawża prinċipali, imposta biss fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju reġjonali, tikkostitwixxi miżura ta' għajnuna mill-Istat favur impriżi stabbiliti f'dan l-istess territorju.

Fuq l-ispejjeż

67 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 49 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni fiskali ta' awtorità reġjonali, bħal dik ipprovduta fl-Artikolu 4 tal-Liġi Reġjonali Nru 4/2006, tal-11 ta' Mejju 2006, li tirrigwarda dispożizzjonijiet differenti fil-qasam ta' dħul, ta' riklassifikazzjoni tal-ispejjeż, ta' politika soċjali u żvilupp, fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mill-Artikolu 3(3) tal-Liġi Nru 2 tar-Reġjun ta' Sardegna, tad-29 ta' Mejju 2007, li tirrigwarda dispożizzjonijiet għall-formazzjoni tal-baġit annwali u multiannwali tar-Reġjun — Liġi tal-Finanzi 2007, li tistabbilixxi taxxa reġjonali fil-każ ta' waqfa qasira għal skop turistiku tal-inġenji tal-ajru għat-trasport privat ta' persuni kif ukoll tal-inġenji tal-baħar għar-rikreazzjoni li hija imposta biss fuq l-impriżi li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju reġjonali.

2) L-Artikolu 87 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni fiskali ta' awtorità reġjonali li tistabbilixxi taxxa reġjonali fuq waqfiet qosra, bħala dik fil-kawża prinċipali, li hija imposta biss fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju reġjonali, tikkostitwixxi miżura ta' għajnuna mill-Istat favur impriżi stabbiliti f'dan l-istess territorju.

Firem